Minuti tat-tmintax il-laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali t'Għajnsielem li nżammet nhar il-Ħamis, 6 t'Awissu 2009 fil-5 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Anton Zammit | a/Seg. Eżekuttiv |

1. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

2. Minuti

a. Korrezzjonijiet fil-minuti preċidenti.

i. Dwar it-tini para. Ta' artikolu 2 dwar numru ta' mistoqsijiet jew mozzjonijiet, gie suġġerit mis-Sur Larry Buttigieg li: "Appena jsir il-ħin ta' l-għeluq tal-laqgħa u jkun għad hemm izjed x'jiġi diskuss, il-laqgħa tiġi aġġornata għal jum ieħor viċin bl-istess aġenda."

ii. Is-Sur Joseph C. Camilleri oġġezzjona li hu kien ġie mniżżel assenti fil-laqgħa preċidenti. Hu ma kienx preżenti peress li kien hemm żbal fl-aġenda. Dan wera d-diżappunt tiegħu meta tneħħiet ir-road calmer minn Triq Hamri mingħajr ma huwa ma kien infurmat jew ikkonsultat. Huwa qal li hemm residenti fl-istess triq li jriduha terġa teħel. Is-Sindku infurmah li qabel ma terga teħel, il-Kunsill jesiġi li jinġabru l-firem tar-residneti kollha ta' madwar fejn jiġi ssuġerit li terġa teħel. Hu qal ukoll li l-Kunsill kellu pressjoni minn individwu biex din tinqala peress li kienet qed tkun ta' ostakolu bit-taħbit tal-vetturi għar-raġel tagħha li hu anzjan. Is-sur Camilleri qal li hu ma kienx kontra li tinqala pero' xorta messu kien ikkunsultat.

iii. L-ewwel paragrafu t'artikolu 7, materji oħra, is-Sur Larry Buttigieg wera t-tħassib tiegħu dwar żewġ ikliet f'jumejn. Hu kien saqsa jekk taħsbux li jikun hemm attendenza tajba għal din l-ikla peress li l-għada ġa hemm ippjanata ikla oħra fit-triq Fuq il-ghajn, liema ikla kien ilha ssir u għaliha jattendu ammont tajjeb ta' nies.

a. Il-Kunsill ġie mgħarraf mid-Dipartimnt għal Gvern Lokali permess ta' Memo 47/2009 dwar "Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf" u li ser tidhol fis-seħħ uffiċċjalment matul ix-xahar t'Awissu. Wara l-qari ta' din l-ittra il-preżenti qablu li ż-żewġ kenniesa jigu nfurmati b'din l-inizjattiva u jinżammu responsabbli għan-nuqqas ta' nekliġenza minn naha tagħhom.

b. Waslet ittra mingħand is-Sur Joseph Camilleri fejn kien disappuntat meta kien hemm żball fil-ġurnata u d-data fl-aġenda preċidenti u dan ma kienx mgħarraf. Difatti dan sostna li qatt ma seta jkun imniżżel assenti meta ma kienx mgħarraf b'dan l-iżbal. Il-preżenti qablu li dan kien żbal uman u ma sarx għal ebda preġudizzju kontra s-sur Camilleri.

c. Il-Kunsill aċċetta talba mingħand il-Wasteserv għal laqgħa bejn iż-żewġ entitajet.

d. Il-preżċnti aċċettaw li jgħaddu l-informazzjoni personali tagħhom lis-sur Carmelo Grima biex dan jirppublikha d'Direttorju elettroniku għal Għawdex biss. Is-Sur Larry Buttigieg m'aċċettax il-tinħareġ l-informazzjoni personali tiegħu lill terzi persuni.

e. Waslet informazzjoni għal bini ta' road calmer fi Triq J.F. de Chambrai.

f. Waslet talba mingħand Ms. Ester Azzopardi biex il-mera' tat-traffiku mar-residenza tagħha tinqala immedjatament peress li dik weħlet mingħajr permess mis-sid. Il-Kunsill qabel li din tinqala u titpoġġa fuq arblu.

g. Ii l-A.D.T. approvat Bus Stop fi Triq il-Gnien. L-Employment and Training Corporation infurmat lil dan il-Kunsill li mmedjatament ser tidhol fis-seħħ l-iskema "Xoghol Fil-Komunita." Jiġifieri għoti ta' ħaddiema lill Kunsill li jixtiequ dan is-servizz.

h. Waslet informazzjoi mingħand id-Direttorat "Tagħlim tul il-Ħajja" dwar kors fil-litteriżmu Bażiku. Il-pubbliku ser jiġi nfurmat.

i. Fuq talba tas-Sur Joseph C. Camilleri, fuq ittra li hu kien baghat lill-Kunsill fit-30 ta' Lulju, kien issuggerixxa jekk il-Kunsill jistax jipprovdi servizz ta' warden fl-entratura ta' Sqaq no.1 fi Triq Ghajnsielem, il-Gimgħa 28 'Awwissu 2009 bejn id-9.00PM u l-11.00PM. Il-preżenti ma qablux mas-suġġeriment. Hu ssuggerixxa wasalx iz-zmien li nipprovdu portable toilet ghall dan il-marc jew forsi nittrassferixxu wiehed minn dawk li jkollna għal żmien il-festa ghal dan il-post. Is-sur Stephen Mercieca qabel mas-suggeriment tas-sur Camilleri pero' ssuggerixxa li ghandu jitpoġġa mobile toilet iehor fi Triq l-Mgarr fl-istess hin. Il-preżenti qablu li jorndaw dawn il-mobile toilets ghal dik il-gurnata.

j. Fuq informazzjoni mingħand is-Sur J. Bonett, il-preżenti qablu li jinfurmaw lis-Super. tal-pulizija dwar ksur ta' liġijiet tat-traffiku fi Pjazza Indipendenza u fi Triq Simirat.

k. Il-Kunsill qabel li s-sinjal tat-traffiku li kien misruq minn Triq Malta jerġa jitpoġġa peress li fin-nuqqas tiegħu jkun hemm perikolu għat-traffiku.

l. Il-Kunsill ġie mgħarraf li nhar il-Ħadd, 23 t'Awissu ser tinżamm open day fil-Każin tal-Banda San Ġużepp. Fost l-attivitajiet ser tiżżanżan is-sala principali tal-Banda flimkien ma multi purpose hall u sala oħra ghal-logħab tal-billiards. Ser jitqassmu wkoll it-trophies ta' l-isnooker li kien organizzat fil-kazin. Għall-okkażjoni l-Kunsill flimkien mal-banda ser itella ukoll exhibition ta' karozzi antiki kif ukoll exhibition ta' talent Għajnselmiz fis-sala tal-banda. Ser jipprovdi ukolll bouncing cars għat-tfal. Il-preżenti aċċettaw li jikkoperaw.

m. Is-Segretarju ppreżenta tliet offerti ta' sound system għal matul Għajnsielemfest u għal l-ikla tradizzjonali li ssir Fuq il-Għajn.

| Isem | Ghajnsielemfest | Ikla |
|---|---|---|
| Power Sound | E 139 | E198 |
| Aurelio Bugeja | E 230 | E175 |
| Pro Stage Sound | E 380 għaż-żewġ okkażżjonijiet. | |

L-offerta ingħatat lill Power Sound.

4. L-offerta għal-knis ta' Toroq

Qamet kwistjoni dwar negliġenza minn naha tal-kenniesa tal-Kunsill. Deher car li l-Kunsill mhux kuntent bir-riżultat ta' dawn iż-żewġ ħaddiema. Sar qbil li tinkiteb ittra lilhom fejn jintwera d-diżappunt tal-Kunsill lejjhom. Apparti dan, il-Gvern nieda kompetizzjoni bejn il-Kunsill u jekk nitilfuha ħtija tagħhom u jekk jippersistu f'din il-qagħda ma' jkunx hemm soluzzjoni għajr li titnaqqas multa mill-offerta tagħhom.

5. L-offerta għal-ġbir tal-Bulky Refuse.

Il-preżenti qablu li din is-sena ma toħroġx sejħa għal dan is-servizz peress li l-Kunsill kuntent bis-servizz mogħti. Preżentament dan is-servizz qed f'idejn id-Dipartiment tas-Saħħa.

7. Materji oħra.

a. Is-Sur Larry Buttigieg issuġerixxa li jiġu ppustjati dust bins matul l-ikla tal-21 t'Awissu fl-area indikata mill-Kunsill.

b. Gie deċiz li d-dawl għal Għajnsielem Fest jingħta lill Joe Grima li lilu kien mogħti s-sena l-oħra peress li l-offerta tiegħu hija sodisfacenti.

Sar qbil ukoll li jinkrew 200 siggu għal Għajnsielemfest.

c.. Is-Sur Larry Buttigieg reġa nsista li għad fadal affarijiet pendenti fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar. Dan saqsa x'passi ttieħdu minn meta ġiet diskussa din il-materja. Is-Sindku rrisponda li x' xogħlijiet rikjesti huma f'idejn il-Ministeru għal Għawdex. Fil-fatt hu kien nizel fil-post flimkien ma l-ufficjal inkrigat mis-C.M.U. biex isiru dawn ix-xoghlijiet u dan qallu li ser jaghmel dak kollu possibli biex dawn ix-xghlijiet isiru fl-iqsar zmien possibli. Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li għandu jsir railing fejn hemm periklu għan-nies fil parti tas-sies. It-triq fil-parti ta' fuq għandha tingħata resurfacing bis-cement jew tarmac. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jaghmel l-istima biex din it-triq titranga u tintbghat lill-Onor Dr. Chris Said kif kien miftihem meta l-Kunsill kellu laghqa mieghu. Gie deciz ukoll li din il-materja importanti tigi diskussa mal-Ministru għal Għawdex biex din il-bajja, fejn gew mgharrqa il-vapuri, tinghata attenzjoni specjali peres li kienet qeghda tkun ta' attrazzjoi kbira ghal dawk it-turisti li ghandhom ghal-qalbhom id-diving. Is-Sur Buttigieg talab ukoll li t-tarag li hemm fejn is-salini preżentament jiżloq u għandu jitbaqqan.

d. Is-Sur Larry issuġġerixxa li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill Onor. Chris Said għal-għotja ta' fondi ghal-attivita ta' Milied Haj li ttella minn dan il-Kunsill fil-festi tal-Milied tas-sena l-oħra. Kulħadd qabel mas-suġġeriment.

e. Is-Sindku rega nforma lill-preżenti li l-permess għal bini ta'c-Centru Civiku ħareġ u fih hemm klawsola li tgħid li l-Kunsill irid jinforma lid-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura u lill-EPDC fi hdan il-MEPA qabel ma jibda' t-thammil biex jindika fejn ser titpogga l-hamrija u dwar is-sigar li hemm fuq il-post. Il-perit ġie mitlub jipprepara l-offerti ghal bini u thammil u dan ta parir lill-Kunsill li aħjar toħrog offerta waħda għat-tħammil u għal-bini, peress li jkun jaqbel sew għal Kunsill kif ukoll għall-kuntrattur. Dwar il-qlugħ ta' siġar, ġie avviċinat is-Sur J. Bonello, uffiċċjal fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fejn issuġġerixxa li s-sebgħa sigriet protetti li jridu jinqalghu, jridu jigu replaced b' madwar 60 sigra u jithawlu fl-area ta' wara l-knisja parrokjali u hdejn il-monument tal-gwerra.

f. Is-Sur Stephen Mercieca staqsa jekk hux veru li l-Kunsill irid ihallas ghad-devoluzzjoni ta' l-art li l-Kunsill qed jitlob lill-Gvern biex jinbena c-Centru Civiku. Is-Sindku rrisponda fl-affermattiv.

g. Is-Sur Buttigieg ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Gnien teżisti grada għal l-ilma tax-xita li mhix f'fostha bil-konsegwenza li tagħmel ħafna ħsejjes waqt li jkun għaddej it-traffiku minn fuqha. Il-preżenti qablu li jiġu nfurmati il-ħaddiema tal-Kunsill biex titranga din il-grada.

Tas-Sur Joseph Camilleri.

1. Dan saqsa jekk fil-laqgħat li saru dwar 'Betlehem f'Għajnsielem ġietx diskussa xi talba biex jintalbu fondi mill-EU. Dan kien infurmat mingħand Maria Schemrbi impjegata fl-Uffiċċju ta' l-E.U. Malta li fondi ghal dan il-għan jeżistu.
Is-Sindku irrisponda li nergħu niktbu lis-Segretarju Parlamentari tat-Turizmu Dr Mario De-Marco u lill-Ministru tal-Finanzi Dr.Tonio Fenech biex din is-sena ituna l-fondi ghal dan il-progett wara s-success li kellna meta rnexxielna nattiraw eluf kbar ta' turisti, specjalment Maltin, fil-Gzira t'Ghawdex fl-aktar xahar baghtut ghat-turizmu Ghawdxi. Is-Segretarju ġie mqabbad biex japplika għal fondi għal din l-attivita'.

2. Dan il-kunsillier rega qajjem il-kwistjoni tal-bozza li kienet teżisti quddiem il-Madonna fi Triq l-Imgarr li tneħħiet waqt ir-rinovazzjoni tat-triq u sal-lum għada ma reġgħetx weħlet. Is-Segretarju għandu jinforma lill Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal ukoll li kien ser iressaq dan l-ilment lill-engineer u r-rapprezentant ta' l-Enemalta minn Malta fil-laghqa li ghanda issir fi ftit granet ohra fil-Kunsill.

3. Dan ġibed l-attenzjoni dwar arblu tad-dawl fi Triq Mgarr kantuniera ma Triq Imrejzbiet faccata ta' Sydney House li huwa ta' perikolu minħabba nuqqas ta' bieba. Din ser tiġi mgħoddija lill-Ministeru ghal Ghawdex peress li Triq Mgarr taqa taht ir-responsabilita tal-Ministeru.

4. Dan talab li jeħel deflector fuq lampa Nru. 069 fi Triq Hamri. Din il-problema ser tgħaddi lill-kuntrattur tal-Kunsill ghas suugeriment tieghu.

5. Dan staqsa għaliex ma nżabhitx dawra tonda (bħala round-about) fi Triq il-Qigħan. Is-Segretarju rrisponda li dawk is-sinjali tat-traffiku ma jsirux f'toroq sekondarji.

6. Is-Sur Camilleri issuġġerixxa li l-ħamrija li titneħħa meta jinbeda' x-xogħol għal bini ta' Civic Centre tinxteħet fl-area Ta' Passi. Is-Sindku qal li meta jkun ser jibda t-thammil, il-Kunsill kien fl-obbligu li jinforma lid-Direttur ta' l-Agrikultura fejn ser jixhet il-hamrija. F'dan il-kaz il-prezenti qablu mas-suggeriment tas-sur Camilleri li din tinxtehet fil-post maghruf Ta' Passi

7. Dan issuġerixxa li l-Kunsill joffri ktieb lit-tfal ta' l-iskola tal-lokalita' li jkun iservihom is-sena kollha. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8. Talab li tiġi ffriskata t-tabella ta' "keep Clear" fi Sqaq Nru 2 fi Triq Hamri. Ma keinx hemm oggezzjoni.

9. Dwar il-lampa fi triq Hamri is-Sur Camilleri qal li mhux sodisfacenti bir-risposta ta' l-Engineer ta' l-Enemalta. Dan jaf bil-provi b'każi fejn irhula oħra weħlu lampi viċin xulxin u għadhom qed isiru. Din hi diskriminazzjoni minn naha ta' l-Enemalta kontra dan il-Kunsill. Hu talab biex tintbghat ittra lill-

engineer ta' l-Enemalta fejn hu qed jghid li twahhlu lampi fil-qrib bla extension f'diversi postijiet f'Ghawdex. Hu pprezenta l-ismijiet u l-indirizzi tat-toroq fejn twahhlu dawn il-lampi fl-irhula tax-Xewkija, Kercem u l-Qala.

Tas-Sur Stephen Mercieca.

a. Dan ġibed l-attenzjoni tal-preżenti dwar gandott li nfetaħ fi Triq fuq il-Għajn u għadu fil-perikolu. Is-Sindku qal li l-parti tat-triq fejn kien hemm it-tarmac giet irrangata mill-kuntrattur waqt li kien baqa l-parti tal-gandott fejn kien hemm bl-istencil. Gie deciz li l-Kunsill jinforma lill-kuntrattur jew lill-applikant biex jaghmel dan ix-xoghol bl-istencil kemm jista jkun malajr biex jitnehha l-periklu ghan-nies.

b. Dan talab li ssir rampa bil-konkos għall użu tal-bdiewa l-gewwa mill-arkata fi Triq il-Qala. Ma kienx hemm ebda oġġezzjoni sakemm din kienet tizbokka fit-triq.

c. Dan ġibed l-attenzjoni għall-istat ħażin ta' Triq Lourdes u l-friegħi perikoluż li ħarġu fin-nofs fl-istess triq. Il-preżenti qablu li dawn l-ostakoli għandhom jitneħħew fl-inqas żmien possibbli u jigi wkoll infurmat d-Dipartiment ta' l-Agrikultura dwar l-izbir ta' dawn is-sigar

d. Dan ġibed l-attenzjoni ta' sħabu dwar l-istat tal-water culvert fi Triq Mgarr kantuniera ma Triq Cordina. B'dan ser jigu nfurmati l-ħaddiema tal-Kunsill biex jitnaddaf.

e. Is-Sur Peter Caurana qal li waslulu rapporti li qed ikun hemm sewqan esaġerat fi Triq Mgarr. Talab jekk għandhiex tehel CCTV camera. Is-Sindku rrisponda li dak li kien qed jghid is-sur Catuana kien kollu minnu u l-Kunsill kemm il darba kiteb lill-awtoritajiet koncernati sabiex isir xi rimedju ghal din il-problema ghax f'din it-triq saru diversi incidenti inkluzi dawk fatali. Dan kien qed jigri l-izjed minhabba is-sewqn esagerat li jkun hemm peress li jkunu jridu jilhqu il-vapur. Hu qal li l-ADT kella l-hsieb li twahhal speed camera pero' l-Kunsill kien ghadu m'ircieva l-ebda informazzjni fuq dan. Is-Sindku kompla jghid li ser jipprova jgib statistika ta' l-incidenti li saru f'din it-triq fl-ahhar sentejn u ser jerġa jressaq dan l-ilment quddiem il-Kumitat Kongunt fl-ewwel laqgħa tiegħu.

Dwar it-twaħħil ta' żewġ bankijiet fi Triq iz-Żewwieqa, ta' l-istess interpellant, is-Sindku wieġeb li dawn huma mixtrija u jinsabu fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Dawn għadhom ma weħlux f'posthom peress li ntalbu mill-fondi tal-UIF. Qabel ma joħorgu l-fondi meħtieġa dawn ma jistgħux jeħlu. Pero' jekk qed tinħass il-ħtieġa tagħhom dawn għandhom jeħlu immedjatament.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 3 ta' Settembru 2009.

Il-laqgħa ntemmet fit-9.00 ta' filgħaxija.

Francis Cauchi — Anton Zammit
Sindku — a/Segretarju Eżekutiv